MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 57/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
Vs
1. Benjamin Bondin (I.D. 561565(M)) legalment separate minn Marisa Bondin**

**2. Maria Carmela Cutajar (I.D. 573434(M)) armla ta' Giuseppe Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fit-22 ta' Jannar, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat fl-10 ta' Mejju 2001 (Dok. 'A'), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-Benjamin Bondin;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Benjamin Bondin fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€27,922.46) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Benjamin Bondin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Dicembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat fl-10 ta' Mejju 2001 (Dok. A), il-konvenuta Maria Carmela Cutajar iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Benjamin Bondin ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Benjamin Bondin mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokumenti "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Benjamin Bondin u Maria Carmela Cutajar;
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Benjamin Bondin u Maria Carmela Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fl-10 ta' Dicembru 2008 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "C u D", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit

bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Benjamin Bondin u Maria Carmela Cutajar (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Benjamin Bondin u Maria Carmela Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Benjamin Bondin u Maria Carmela Cutajar flimkien u “in solidum” jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€27,922.46) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta’ Benjamin Bondin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Dicembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati fl-10 ta’ Dicembru 2008 li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat in-noti ta’ ammissjoni tal-konvenut Benjamin Bondin tad-9 ta’ Marzu 2009 u dik tal-4 ta’ Mejju, 2009;

Rat in-nota tal-bank attur tas-7 ta’ Mejju 2009 li permezz taghha rriduca t-talba ghas-somma ta’ seba’ u ghoxrin elf, mitejn u ghoxrin euro u tmintax il-centezmu (€27,220.18), stante depozitu fil-mori tal-kawza, flimkien ma l-imghax legali mill-21 ta’ April, 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;

Rat illi l-konvenuta Maria Carmela Cutajar, debitament notifikata naqset milli tipprezenta risposta guramentata u ma deheritx ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2009 u b’hekk baqghet kontumaci;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut Benjamin Bondin u fil-kontumacja tal-konvenuta Maria Carmela Cutajar, it-talbiet dedotti fir-rikors gurament, kif ridotti, jirrizultaw ippruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut Benjamin Bondin u fil-kontumacja tal-konvenuta Maria Carmela Cutajar, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-bank attur kif dedotti fir-rikors guramentat u kif sussegwentement ridotti u ghalhekk tikkundanna Iill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' seba’ u ghoxrin elf, mitejn u ghoxrin euro u tmintax il-centezmu (€27,220.18), flimkien mal-imghax legali mill-21 ta’ April, 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------